**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tnejn 19 ta' Lulju 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 52/2014**

**Bernardette Licari**

**vs**

**Combined Industries Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjeta konvenuta (appellanti) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-23 ta' April 2021 li ikkonfermat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-9 ta' Gunju 2020 fejn iddecieda l-izgumbrament tal-istess socjeta konvenuta;

Rat ir-risposta tal-Bernardette Licari li sostniet li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattand li tghid hekk:

Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-socjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellata fit-twegiba taghha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Bord fis-sentenza appellata.

Is-socjetà appellanta tissottometti li l-Bord ghamel zewg konsiderazzjonijiet centrali meta qies li l-appellata ma kienet tat l-ebda kunsens ghall-assenjazzjoni tal-kirja, kemm espress kemm tacitu: (i) ma sar l-ebda rikonoxximent dirett mill-appellata stante li l-ircevuti nhargu minn Ignatius Licari; u (ii) l-izball li ghamel Ignatius Licari ma kellux jippregudika lill-appellata. Imma s-socjetà appellanta tikkontendi li r-ragunament tal-Bord kien wiehed zbaljat. Tispjega li filwaqt li l-appellata f'kull waqt meta tat id-depozizzjoni taghha dejjem sostniet li hija kienet halliet f'idejn huha Ignatius Licari u ma kinitx mgharrfa bil-fatti, irrizulta li l-awtorità li tatu kienet f'termini tassew wiesa' tant illi dak kollu li huwa kien jaghmel kien ben fatt. Dwar it-tieni konsiderazzjoni maghmula mill-Bord, is-socjetà appellanta tirrileva li x-xhieda ta' Ignatius Licari ma setghetx tittiehed bhala wahda fededenja u huwa ma tax spjegazzjoni plawsibbli ghal dawn il-fatturi: (a) qatt ma ta kaz li l-hlasijiet kienu qed isiru minn J.L. Tobacco Co Limited; (b) il-firma tieghu fuq l-ircevuti kienet fuq l-istess pagna fejn tissemma J.L. Tobacco Co Limited; (c) il-fatt li huwa kien ikkorega d-data tal-ewwel ircevuta, kien juri li huwa ezamina tali rcevuta; (d) dik il-korrezzjoni kienet proprju fuq l-isem J.L. Tobacco Co Ltd u (e) ma kienx plawzibbli li Ignatius Licari bhala bniedem letterat, accountant u direttur ta' bank, gie raggirat erba' drabi filwaqt li dam kwazi ghaxar snin sabiex induna li l-ircevuti nhargu fuq haddiehor. Is-socjetà appellanta ssostni li dak li gara kien rizultat ta' piki familjari, fejn l-appellata wara numru ta' snin konsiderevoli li matulhom il-kera kienet giet accettata minghand J.L. Tobacco Co Ltd, l-appellata bidlet fehmitha u riedet il-fond lura. It-tieni aggravju tas-socjetà appellanta huwa li l-Bord injora l-fatt li l-kera kienet giet depozitata fil-kont bankarju tal-appellata, u din qatt ma giet ritornata lura lis-socjetà J.L. Tobacco Co. Ltd minkejja t-trapass ta' numru kbir ta' snin. Tghid li l-fatt li l-kera kienet giet accettata kien ifisser li kienet ukoll giet rikonoxxuta is-socjetà J.L. Tobacco Co. Ltd, altrimenti l-appellata kienet tenuta li tiddepozitaha taht l-Awtorità tal-Qorti.

L-appellata filwaqt li ticcita l-gurisprudenza tal-qrati tal-appell, issostni li skont il-Kap. 69 fil-kaz ta' sullokazzjoni jew assenjazzjoni tal-kirja ghandu jkun hemm kunsens espress tas-sid. Tghid li fil-kaz odjern kellha ssir ricerka dwar lezistenza o meno ta' dan il-kunsens, u dan l-aspett tal-valutazzjoni tal-provi ghandu tifsira singolari u deciziva. Taghlaq billi tissottometti li l-ligi riedet tevita l-kontradittorju.

Din il-Qorti tqis li l-Bord kien korrett meta ddecieda li l-appellata qatt ma tat il-kunsens taghha, kemm espress kif ukoll tacitu, ghall-assenjazzjoni talkirja. Il-Bord osserva li l-ircevuti kien inghataw lis-socjetà appellanta, mhux mill-appellata izda minn terza persuna li kienet tiehu hsieb il-kirja ghan-nom taghha, u l-appellata ma kellhiex issofri xi pregudizzju jekk it-terza persuna ghamlet zball. Il-Bord sostna li s-socjetà appellanta kienet tenuta li ggib prova li l-appellata kienet taf bl-assenjazzjoni u li kienet ukoll tat il-kunsens taghha ghaliha, izda dan m'ghamlitux. Dan kollu filwaqt li kkonsidra li skont il-

gurisprudenza, l-assenjazzjoni ta' kirja ma tistax tigi prezunta, izda ghandha tigi ppruvata u ghandha tkun wahda espressa izda mhux tacita.

Il-Qorti tqis li l-vertenza odjerna hija dwar il-kunsens ghall-assenjazzjoni tal-kirja tal-fond mis-socjetà appellanta lil socjetà terza. Filwaqt li l-appellata tikkontendi li dan sar minghajr il-kunsens taghha, anzi ad insaputa taghha, is-socjetà appellanta tinsisti li l-appellata kienet accettat l-assenjazzjoni. Il-Qorti tosserva li fl-affidavit taghha [A fol. 18] l-appellata b'mod inekwivoku tghid "[m]in-naha tieghi nikkonferma li qatt ma wrejt il-kunsens tieghi, b'xi mod jew iehor, biex il-kiri tal-fond jghaddi f'idejn J.L. Tobacco Co. Ltd". L-appellata ma setghetx tkun aktar cara u esplicita minn hekk, li hija fl-ebda hin u bl-ebda mod ma kienet tat il-kunsens taghha sabiex is-socjetà appellanta tassenja l-kirja lis-socjetà J.L. Tobacco Co. Ltd. Ghalhekk mehud inkonsiderazzjoni dak li qalet l-appellata fl-affidavit taghha, il-Qorti ma taqbilx mas-socjetà appellanta li l-appellata kienet "...bl-aktar mod car...f'kull waqt, prattikament ghal kull mistoqsija li saritilha, irrifugjat ruhha wara l-asserzjoni li dejjem halliet f'idejn huha Ignatius Licari u li ma kinitx mgharrfa bil-fatti". Il-Qorti hawnhekk ma tistax tiskarta l-fatt li xxhieda li ghaliha tirreferi s-socjetà appellanta hija dik tal-appellata moghtija in kontroezami, fejn kienet proprju s-socjetà appellanta li permezz tal-mistoqsijiet diretti taghha ddirigiet lill-appellata sabiex taghti wiehed x'jifhem li kulma kien jaghmel huha Ignatius Licari kien accettat minnha.

Imma s-socjetà appellanta tinsa li filwaqt li s-subartikolu 1614(1) tal-Kap. 16 jirrikjedi l-inkwilin m'ghandu l-ebda dritt li jassenja l-kirja sakemm dan ma nghatax lilu bil-miktub permezz tal-kuntratt tal-kiri, il-para. (a) tal-Artikolu 9 tal-Kap. 69 jaghti d-dritt lis-sid li jiehu lura l-pussess tal-fond permezz tal-Bord jekk l-assenjazzjoni ssir minghajr il-kunsens tieghu. Il-Qorti hawn tirrileva li l-kunsens tas-sid ghandu jkun wiehed car u inekwivoku, fejn ma jkun hemm lok ghall-ebda interpretazzjoni [Ara App. Sup. John Debono vs. Giuseppe Ciantar, 22.05.67].

Is-socjetà appellanta tikkontendi li l-kunsens tal-appellata jirrizulta mirrikonoxximent ta' Ignatius Licari tal-ezistenza tar-rapport lokatizju mas-socjetà J.L. Tobacco Co. Ltd, u dan sehh meta l-imsemmi Ignatius Licari ghan-nom tal-appellata hareg l-ircevuti lil din is-socjetà. Dan filwaqt li tikkontendi li Ignatius Licari kien jaf sew x'qed jaghmel u li ma kien hemm l-ebda ingann ezercitat filkonfront tieghu min-naha ta' John Licari, direttur tas-socjetà J.L. Tobacco Co. Ltd. Imma l-fatt wahdu li Ignatius Licari ffirma l-ircevuti in kwistjoni, ma jistax jittiehed bhala prova inekwivoka tal-kunsens tal-appellata ghall-assenjazzjoni tal-fond, aktar u aktar meta l-appellata fil-proceduri odjerni qieghda tikkontendi li hija qatt ma tat il-kunsens taghha. L-istess jinghad fir-rigward tal-allegat rikonoxximent tal-ezistenza tar-rapport lokatizju bejn l-appellata u s-socjetà J.L. Tobacco Co. Ltd permezz tal-ittra legali tat-22 ta' Gunju, 2014 li saret ai termini tal-para. (a) tal-Artikolu 9 tal-Kap. 69. Is-socjetà appellanta tkompli ssostni li galadarba l-kera mhallsa mis-socjetà J.L. Tobacco Co Ltd giet depozitata fil-kont bankarju tal-appellata, dan kien iffisser li l-istess appellata kienet accettat il-kera minghand din is-socjetà u dan fih innifsu kien jikkostitwixxi rikonoxximent. Imma l-Qorti tghid li l-appellata skont is-subartikolu 1149(1) tal-Kap. 16 ma kellha l-ebda dritt li ma taccettax il-hlas maghmul minn

terz ghall-beneficcju tas-socjetà appellanta [Ara P.A. Richard Borg et vs Emanuel Degiorgio et, 08.02.02 li sar riferiment ghaliha mill-Bord].

Fuq kollox, il-Qorti tirrileva li hawnhekk is-socjetà appellanta naqset milli tressaq quddiem il-Bord dik il-prova xhieda tal-kunsens car u inekwivoku tal-appellata kif mistenni minnha, galadarba allegat li l-assenjazzjoni saret bil-kunsens taghha. Dan indipendentement mill-allegat fatt li Ignatius Licari hareg l-ircevuti taht ingann.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravji tas-socjetà appellanta gustifikati u tichadhom.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeciedi dwar l-appell tas-socjetà appellanta billi tichdu, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, tilqa' t-talbiet tal-appellata u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà appellanta.
L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell odjern huma wkoll a karigu tas-socjetà appellanta.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tar-ritrattand huma s-segwenti:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi:

> Thassir ta' sentenza ghal din ir-raguni jinghata biss meta l-qorti tapplika ligi hazina flok dik illi kienet tassew applikabbli ghall-kaz. Ma jinghatax meta l-kwistjoni tkun 'dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni' (**Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd**, App 19/05/2011)
>
> L-interpretazzjoni tal-ligi ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sabiex ikun hemm jedd ghal ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni, il-qorti trid tkun applikat disposizzjoni ta' ligi flok ohra (ara sentenza ta' din il-qorti **Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et,** App 09/05/2017).

Ir-ritrattand jikkontendi illi l-Qorti tal-Appell meta fil-paragrafu 12 tas-sentenza qalet li kienet porprju s-socjeta appellanta li permezz tal-mistoqsijiet diretti taghha iddiregiet jew xprunat lill-appellata sabiex taghti wiehed x'jifhem li kulma kien jaghmel huha Ignatius Licari kien accettat minnha, zbaljat il-principju tal-ligi illi fil-kontroezami jistghu jsiru mistoqsijiet diretti u suggestivi u minflok applikat l-artikolu tal-ligi li jirreferi ghall-ezami tax-xhud fejn tali mistoqsijiet ma jistghux isiru.

Dan l-argument ma fih ebda mertu. Fl-ewwel lok dak li qed jipprova jaghmel ir-ritrattand hu li jaghti interpretazzjoni gdida ghal fatti kif kunsidrathom il-Qorti tal-Appell. Dan billi jipprova jaghtihom kisja ta' zball ta' ligi. Il-ligi, mertu tal-kaz kienet dak tal-Kap. 69 u tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kawza kienet dwar zgumbrament ghax ir-rikorrenti ritrattata allegat li saret sullokazjoni bla permess taghha. Din kienet il-qofol tal-kwistjoni li ghaliha giet applikata l-ligi t-tajba. Kif giet miftehma, analizzata u interpretata x-xiehda hi materja li mhix sindikabbli fil-parametri ta' ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Mhux hekk biss izda lanqas fattwalment ma ghandu ragun ir-ritrattand peress illi l-Qorti tal-Appell fil-paragrafu 12 tas-sentenza riedet tfisser illi r-ritrattata ma setghetx tkun aktar esplicita fix-xiehda taghha li qatt ma tat xi kunsens ghas-sullokazzjoni, u kien biss il-kontroezami, fejn jistghu jsiru domandi diretti li permezz taghhom ir-ritrattand prova jaghti x'jifhem bil-kontra mir-risposti li ha minghand ir-ritrattata. Il-kawza ma kinitx fuq il-kontroezami jew l-applikazzjoni tal-ligi tal-procedura dwar is-smigh tax-xiehda, u f'kull kaz lanqas gie ippruvat li l-istess regola giet abbuzata tant li jidher li l-kontroezami sar b'domandi diretti kif tippermetti l-ligi. Kull ma ikkonkludiet il-Qorti tal-Appell hu li r-risposti tar-ritrattata kellhom jitqiesu u jitkejlu fid-dawl tal-mod kif gew mehuda r-risposti u mhux ghax gew mehuda kontra xi principju tal-ligi.

L-istess jinghad ghal dak estrapolat mir-ritrattand mill-paragrafu 15 tas-sentenza rigward ir-ricevuti mahruga fuq ir-ritrattand minn Ignatius Licari. Kull ma qalet il-Qorti hu li dan wahdu ma ikkostitwiex prova tal-kunsens car u esplicitu tar-ritrattata ghas-sullokazzjoni u ziediet li "Dan indipendentement mill-<u>allegat</u> fatt li Ignatius Licari hareg ir-ricevuti taht ingann" (sottolinear tal-Qorti). Ghalhekk il-Qorti applikat sew il-ligi u gurisprudenza dwar il-prova rikjesta ghal sullokazzjoni bla kunsens tas-sid u ziedet li din kienet kunsiderazzjoni indipendenti mill-fatt jekk ir-ricevuti kienux il-frott ta' ingann. Hawn ukoll hawn applikazzjoni tal-fatti ghal kaz u mhux xi applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-fattispecie tal-kaz.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rittrattand biex tithassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-23 ta' April 2021, bl-ispejjez ghar-ritrattand.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur